***Ruling* mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 537 tal-24 ta' Jannar 2022 mitlub mill-Onor. Karol Aquilina dwar l-ammissibilità ta' proposta mressqa mill-Membri tal-Gvern tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-posponiment tad-diskussjoni in vista ta' kawżi kostituzzjonali pendenti**

Fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards li nżammet fit-18 ta' Jannar ta' din is-sena, waqt li l-Kumitat kellu quddiemu l-każ 36 li jikkonċerna l-Onor. Justyne Caruana, intalab *ruling* dwar l-ammissibilita ò meno ta' proposta mressqa mill-Onor. Edward Zammit Lewis biex il-Kumitat jissopprassjedi l-proċeduri tiegħu fid-dawl ta' proċeduri kostituzzjonali istitwiti mill-Onor. Caruana. Biex nagħti sfond għal x'wassal għal din it-talba nibda nikkwota mit-traskrizjoni tal-laqgħa tal-Kumitat fuq imsemmija fejn is-Sedja qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Niġu issa għall-Każ 36 li huwa l-każ dwar l-għoti ta' kuntratt ta' konsulenza fuq bażi ta' ħbiberija personali lil persuna mhix kwalifikata. Qed nitkellmu fuq il-każ tal-Eks Ministru Justyne Caruana. Jien qabel ma nibda fuq dan il-każ ... Fl-aħħar Minuti qbilna li għandna nsejħu lill-Kummissarju għall-Istandards, Dr Hyzler, li – qiegħed hawnhekk diġà u nirringrazzjah – minħabba li wieħed jista' jkollu xi domandi. Però fil-frattemp, mindu ħadna dik id-deċiżjoni f'dik l-aħħar laqgħa, irrid ninforma lill-Kumitat – u jien diġà rrispondejt f'dan is-sens – li ġiet intavolata kawża Kostituzzjonali fil-Prim' Awla (Ċivili) mill-Onor. Caruana kontra l-Ispeaker tal-Kamra ... Ċjoè sar protest kontra l-Ispeaker tal-Kamra bħala Chairman u in rappreżentanza tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards. Dak il-protest għandkom kopja tiegħu u nifhem li qrajtuh. Jien irrispondejtu mill-ewwel u se naqra l-kontro protest, fejn għedt:
>
> > "B'riferenza għall-protest magħmul mill-Onorevoli Dottor Justyne Caruana l-esponent jirrispondi li huwa ser iġib il-protest in kwistjoni għall-formali konjizzjoni tal-kumitat tal-Kamra ..."
>
> – għaliex jien ovvjament ġejt ippreżentat b'dan il-protest, u notifikat, bħala Chairman tal-Kumitat –
>
> > "... li għandu jkun fil-libertà tiegħu li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa anke fid-dawl ta' dak allegat mill-protestanta biex jiġu salvagwardati d-drittijiet ta' kulħadd."
>
> Dak huwa l-kontroprotest tiegħi li għandkom kopja tiegħu u xtaqt inġibu għad-diskussjoni. Imbagħad fil-frattemp jien ukoll ġejt notifikat bir-rikors Kostituzzjonali tal-Onorevoli – dak iż-żmien Ministru, illum Membru Parlamentari – Justyne Caruana; il-kawża hija kontra l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u jien ġejt notifikat, kjamat in kawża .... (Interruzzjonijiet) Kjamat in kawża bħala Chairman tal-Kumitat."

Imbagħad is-Sedja kompliet tispjega dak li ġie ppreżentat anke fir-rikors Kostituzzjonali fejn għedt:

> "**L-ISPEAKER:** Li huwa ġie notifikat bir-rikors u d-digriet relattiv ta' din l-Onorabbli Qorti u għalkemm huwa mhuwiex parti f'din il-kawża xorta waħda b'rispett lejn il-Qorti qiegħed jippreżenta r-risposta tiegħu;

> Illi huwa bħala Speaker jippresjedi l-Kamra tad-Deputati imma m'għandux fir-rappreżentanza tal-istess Kamra u lanqas tal-Kumitati tagħha, u għalhekk m'għandux ikun imsejjaħ f'din il-kawża;
>
> In oltre billi s-sejħa f'din il-kawża donnha hija intiża biex id-deċiżjoni tal-kumitat tiġi determinata ġudizzjarjament, din tkun inġeranza mhux debita fix-xogħol tal-Kamra u tal-Kumitati tagħha;
>
> Illi jidher li l-kawża hija ben istitwita kontra l-Avukat tal-Istat ta' Malta u l-Kummissarju u biex titkompla m'hemmx il-ħtieġa tas-sejħa fil-kawża la tal-Ispeaker u lanqas tal-Kumitat in kwestjoni.
>
> Għaldaqstant huwa jopponi t-talba kontenuta fl-istess rikors."

Imbagħad komplejt nispjega lill-Kumitat:

> "**L-ISPEAKER:** Issa nagħmel kopja, għax tajjeb li kulħadd ikollu kopja. Il-kwestjoni kollha hija li hawnhekk għandna kawża, għandna rikors għal *chiamato in causa,* għandna protest ġudizzjarju li jien informajt lill-qorti fil-kontro protest tiegħi li se nġibu a konjizzjoni tagħkom biex ovvjament niddiskutu dan kollu. Il-punt kollu huwa – u huwa tajjeb li hawn il-Kummissarju preżenti hawnhekk għaliex dan qiegħed fil-kawża wkoll - *where do we go from here*? Bħala kumitat, ladarba hawn din il-kawża u ladarba hawn dan il-protest minħabba li ovvjament ġiet intavolata l-kawża, għandna nistennew, għandi jien nistenna l-qorti bid-digriet tagħha? Din se ddaħħalna fil-*chiamato in causa* jew le? X'se nagħmlu? Qed nistaqsi."

Kien hawnhekk li qamet diskussjoni bejn il-Membri tal-Kumitat dwar jekk, in vista ta' dawn il-proċeduri legali, il-Kumitat għandux jissospendi l-konsiderazzjoni tiegħu dwar il-każ 36. Dan in vista li fil-proċeduri tiegħu il-Kumitat kien wasal fil-fażi – skont ftehim milħuq fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat u skont dak li tagħtih il-liġi – biex qabel jasal għal deċiżjoni dwar jekk jadottax ir-rapport jew le, jisma lill-Kummissarju għall-Isdandards fil-Ħajja Pubblika u jagħmillu mistoqsijiet. F'dan l-istadju ġie nnutat li l-Kummissarju ġie jagħmel parti mill-kawżi istitwiti quddiem il-Qrati u f'dan ir-rigward is-Sedja għamlitlu dawn id-domandi:

> "**L-ISPEAKER:** Dr Hyzler, ... Inti taf li dakinhar li ltaqa' l-Kumitat kellna d-deċiżjoni li tiġi hawnhekk biex tirrispondi d-domandi kif nagħmlu s-soltu dwar jekk hux se naċċettaw rapport jew le, eċċ. Issa kien hemm dan l-iżvilupp u inti parti mill-kawża. Inti bħala Kummissarju għall-Istandards, wara li hemm din il-kawża li ġiet ippreżentata, x'inhi l-pożizzjoni tiegħek fir-rigward jekk għandhomx isiru domandi min-naħa tagħna? Anke fl-andament ta' dawn il-proċeduri; ovvjament jien mhux se noqgħod ngħidlek irrispondejtx, kif irrispondejt ... Jien qed ngħidlek x'irrispondejtu."

Hawnhekk Dr Hyzler, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, irrisponda hekk:

> "**DR GEORGE HYZLER:** L-ewwel ħaġa, Mr Speaker, jien għadni sal-lum ma ġejtx notifikat bir-rikors promotur però ġejt notifikat b'rikors ta' *chiamato in causa* li jien għada għandi nirrispondi fejn ngħid li nirriżerva li nirrispondi għal dak ir-rikors tal-*chiamato in causa* ġaladarba nkun notifikat bir-rikors promotur, għax ma naħsibx li tagħmel ħafna sens li wieħed jirrispondi għal tali talba qabel ma jkun jaf fuqiex inhi l-kawża formalment.

It-tieni ħaġa, jien naqbel ma' li qalet l-Onor. Comodini Cachia dwar li l-proċedura tal-Kumitat hi differenti mill-proċedura li għandi nsegwi jien fl-investigazzjoni, jiġifieri fejn jien għandi nissospendi l-investigazzjoni fejn ikun hemm proċeduri pendenti quddiem xi tribunal jew xi investigazzjoni għaddejja. M'iniex daqshekk komdu li ngħid li din ma tapplikax għall-Kumitat. Veru mhix imsemmija fil-liġi, però jkun hemm daqsxejn ta' kontrosens jekk il-Kumitat, meta jiġi kkonfrontat bi proċeduri bħal dawn – u meta ngħidu "bħal dawn" għadna ma nafux xi proċeduri hemm għax ma ninsewx li fir-rapport tiegħi jien anke għamilt aċċenn għal xi nuqqasijiet ta' natura penali, jiġifieri naħseb ikun għaqli li jara hemmx ukoll dawk *in ballo,* għax f'dak il-każ jista' jkun hemm konsiderazzjonijiet differenti - ...

Jiġifieri jien bażikament assolutament m'għandix problema biex nirrispondi d-domandi. Però ma nħossnix komdu nirrispondi domandi fuq il-proċess għaliex filwaqt li l-Onor. Justyne Caruana għamlet il-kawża kostituzzjonali fuq il-validità tal-liġi - li dik jien ma nidħolx fiha, jien seftur tal-liġi u daqshekk – però attakkat ukoll il-mod kif jien ikkonduċejt l-indaġni, jiġifieri fejn hi allegat nuqqasijiet daparti tiegħi. U għalkemm jien ma fhimtx eżattament fejn kienu dawn in-nuqqasijiet, lanqas ma nixtieq li dan il-proċess jintuża biex jien nispjega affarijiet li mbagħad eventwalment se jintużaw fil-konfront tiegħi fil-kawża. Jiġifieri – ħalli nkun skjett – jekk qed jiġi allegat li jien inqast fil-mod kif jien ikkonduċejt l-indaġni u hemm kawża dwar dan, naħseb inkun daqsxejn skomdu nirrispondi fuq il-proċedura li ntużat meta mbagħad irrid nerġa' nirrispondi għaliha fil-kawża kostituzzjonali. Daqshekk biss."

Is-Sedja mbagħad semgħet lill-Membri tal-Kumitat li komplew iqajjmu diversi punti dwar jekk il-Kumitat għandux jissospendi d-diskussjoni dwar ir-rapport imsemmi jew inkella għandux jibqa' għaddej bit-trattament tar-rapport tal-Kummissajrju *nonostante* l-proċeduri legali li hemm quddiem il-Qrati li huma konnessi mar-rapport. Qed nirreferi primarjament għall-protest ġudizzjarju u l-kontro protest, għar-rikors għal *chiamato in causa* tas-Sedja in rappreżentanza wkoll ta' dan l-istess Kumitat u t-tweġiba għal dan ir-rikors u għar-rikors promutur.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tirrileva li tikkondividi totalment ma' dak li ntqal li sakemm il-kawżi istitwiti mill-Onor Caruana jattakkaw l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika *per se*, dan m'għandux iwaqqaf lill-Kumitat milli jkompli jaħdem. Is-Sedja taqbel ukoll ma' dak li ntqal li dan il-Kumitat, fil-mod kif jipproċedi, għandu jiggarantixxi d-drittijiet tal-Onor Caruana.

Is-Sedja tagħmel referenza għall-intervent tal-Kummissarju Hyzler meta qal li l-Onor Caruana, bil-kawża kostituzzjonali li qed tagħmel, qed tattakka kemm il-validità tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika u kemm il-proċedura użata mill-Kummisarju biex ikkonduċa l-indaġini tiegħu.

Is-Sedja hawnhekk tirrimarka li hija qiegħda taqbel ma' dak li qal il-Kummissarju Hyzler fejn qed jgħid li l-kawżi istitwiti mill-Onor Caruana mhumiex qed jattakkaw biss l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblik iżda wkoll il-proċedura li l-Kummissarju uża fl-ivestigazzjonijiet tiegħu. Dan joħroġ mir-rikors tal-Onor. Caruana fejn fost it-talbiet tagħha, wara li tattakka l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għaliex imur kontra l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kontra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, qed titlob ukoll li l-Qorti tiddikjara li r-rapport imħejji mill-Kummissarju huwa null u mingħajr effett, u tordna li ma għandu jkollu ebda konsegwenzi legali għar-rikorrenti. Is-Sedja tinnota wkoll li l-Onor. Caruana, bil-kawża li qed tagħmel, qed titlob ukoll lill-Qorti tiddikjara illi kwalunkwe prova u xhieda miġbura mill-Kummissarju fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-Kummissarju ma

tistax titqies u/jew tintuża bħala prova fil-kuntest ta' kwalunkwe investigazzjoni jew proċedura kriminali li tista' talvolta tinbeda fil-konfront tar-rikorrenti, inkluż abbażi ta' xi konklużjoni milħuqa jew rakkomandazzjoni mogħtija mill-Kummissarju.

Is-Sedja tinnota li referenza għal dawn it-talbiet tinstab fiż-żewġ dokumenti li hemm annessi mal-protest ġudizzjarju u ċjoè fir-rikors promotur kif ukoll fir-rikors fejn qed jiġi msejjaħ fil-kawża l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati bħala Chairman u in rappreżentanza tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Is-Sedja qiegħda tagħti importanza wkoll lil dak li qal il-Kummissarju meta fl-intervent tiegħu spjega għalfejn ma jħossux komdu li jirrispondi ċerti domandi fuq l-investigazzjonijiet li għamel li wasluh għall-konklużjonijiet li għamel fir-rapport u dan għaliex it-tweġibiet tiegħu għal dawn l-istess domandi eventwalment se jintużaw fil-konfront tiegħu fil-kawżi li hemm quddiem il-Qrati.

Kien hawn li l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Therese Comodini Cachia ddikjaraw li huma m'għandhomx domandi x'jagħmlu lil Dr Hyzler dwar il-proċess. Huma ddikjaraw ukoll li l-Kumitat għandu, kif miftiehem fil-laqgħa preċedenti, ikompli jisma lill-Dr Hyzler u wara l-Kumitat għandu jkompli jittratta r-rapport. L-Onor. Aquilina qal ukoll li l-Onor. Caruana mhijiex qed titlob li l-Kumitat għandu jwaqqaf il-proċeduri tiegħu.

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Hawnhekk għandna l-Kummissarju għall-Istandards, li jien għandi d-domandi lesti, u qed jgħidli: Fuq ċerti domandi jien ma nħossnix …"

Kien hawnhekk li l-Onor. Glenn Bedingfield qal:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD**: Jien għandi ħafna domandi dwar il-proċedura li ntużat għall-investigazzjoni!"

Hawnhekk is-Sedja irrimarkat:

> "**L-ISPEAKER:** Onor. Aquilina, kif jista' jsir dak ix-xogħol ladarba għandna dawn il-problemi. Qed nistaqsi lilek Onorevoli."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina qal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Għaliex aħna qegħdin fuq il-mertu. Aħna hawnhekk se nidħlu fuq il-mertu mhux fuq il-proċedura. Il-proċedura hi qed tattakkaha. Aħna m'għandniex dubju mill-proċedura li saret. Hawn xi ħadd minna madwar din il-mejda li qed jgħid li l-Kummissarju Hyzler, bil-poteri li għandu, għamel xi ħaġa ħażina? Ma naħsibx. Nispera li mhux hekk!"

Hawnhekk is-Sedja mill-ewwel qalet li hija għandha fiduċja assoluta fil-Kummissarju Hyzler u qalet ukoll:

> “ **L-ISPEAKER**: ... imma hawnhekk stess (il-Kummissarju) qed jgħidli li fuq ir-rapport, u ladarba hawn din il-kawża pendenti eċċ., mhux se jħossu komdu jirrispondi ċerti domandi.”

Imbagħad l-Onor. Karol Aquilina talab li nibqgħu mexjin bil-konsiderazzjoni tal-każ u waqt dan id-dibattitu l-Onor. Edward Zammit Lewis ressaq din il-proposta:

> “Mozzjoni tal-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Glenn Bedingfield
>
> ILLI skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika hija l-funzjoni ta’ dan il-Kumitat kemm illi jissorvelja l-operat tal-Kummissarju biex jara li dan qed jopera b’mod effiċjenti kif ukoll li jeżamina r-rapporti tal-Kummissarju. Dan jirriżulta b’mod ċar mill-artikolu 27(2) tal-Att (Kap. 570).
>
> ILLI f’dan il-każ li jinvolvi lill-Onor. Caruana fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha meta kienet Ministru, il-Kumitat għandu quddiemu sitwazzjoni fejn hemm proċedura fil-Qorti fejn qed fost oħrajn jiġi allegat illi r-rapport tal-Kummissarju huwa l-frott ta’ vjolazzjonijiet ta’ drittijiet fundamentali.
>
> ILLI f’dawn iċ-ċirkostanzi l-Kumitat jista’ jieħu l-veduta li dawn huma biss allegazzjonijiet u allura huwa liberu li jagħti jew ma jagħtix kashom (“la m’iniex inibit nagħmel li rrid”) jew jista’ jqis jekk il-prosegwiment tal-proċeduri quddiemu jistax fih innifsu jinkorrih fi vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali fil-każ illi l-Qorti ssib tali ksur fil-proċedura kif applikata għall-Onor. Caruana.
>
> ILLI dan il-Kumitat mhuwiex l-organu kompetenti biex jiddeċiedi kwistjonijiet ta’ drittijiet fundamentali. L-organu Kostituzzjonali kompetenti f’dan ir-rigward hija l-Qorti.
>
> Illi kif huwa magħruf l-Onor. Caruana llum rriżenjat minn Ministru sabiex tkun tista’ tikkontesta l-każ tagħha mingħajr ma titfa’ l-piż ta’ dik il-battalja legali fuq l-istituzzjoni tal-Eżekuttiv.
>
> ILLI l-Onor. Caruana qiegħda titlob ukoll illi dan il-Kumitat jiġi kjamat fil-kawża li hija intavolat fil-Qorti kontra l-Avukat tal-Istat u l-Kummissarju għall-Istandards – talba li għadha mhix dekretata.
>
> ILLI, bħala fatt, l-Ispeaker tal-Kamra ġie intimat bi protest ġudizzjarju in rappreżentanza ta’ dan il-Kumitat li bih dan il-Kumitat tpoġġa f’*dolo mora* u *culpa*, biex ma jinjorax il-proċeduri ġudizzjarji pendenti u jibqa’ għaddej bil-proċeduri tiegħu minkejja dawk il-proċeduri ġudizzjarji.
>
> Illi kull min għandu xi ftit esperjenza tal-Qorti u tal-Amministrazzjoni Pubblika jaf illi wieħed mhux dejjem ikun jista’ jipproċedi b’dak li jkun irid iwettaq jekk ikun hemm proċeduri ġudizzjarji pendenti. Dan huwa każ minnhom fejn il-Kumitat ikun qiegħed jinkorri r-riskju li joħloq iżjed komplikazzjonijiet jekk jipproċedi mingħajr ma jqis l-andament tal-proċeduri fil-Qorti.
>
> GĦALHEKK FIĊ-ĊIRKOSTANZI NIPPROPONU:

ILLI dan il-Kumitat jimxi bil-kawtela u bil-prudenza neċessarja u jsegwi dak li qed jiġri fil-Qorti qabel ma jgħaddi biex jiddeċiedi fuq dan il-każ bir-riskju li jiġi hu stess akkużat bi ksur ta' drittijiet fundamentali (u l-membri tiegħu jiġu rinfaċċjati huma stess b'sejħiet għal riżenji).

ILLI dan il-Kumitat jisopprasjedi s-smigħ ta' dan il-każ sakemm ikun hemm sentenza finali mill-Qorti dwar il-lanjanzi fuq imsemmija tal-Onor. Caruana jew sakemm il-kawża llum pendenti tiġi mod ieħor terminata.".

Hawnhekk, l-Onor. Karol Aquilina talab lill-Onor. Zammit Lewis jindika l-artikolu tal-liġi jew xi *standing order* li abbażi tiegħu tirriżulta din id-diskrezzjoni, u ċjoè illi l-Kumitat jista' jissopprasjedi s-smigħ tal-każ imsemmi. L-Onor. Aquilina, hawnhekk talab ruling mis-Sedja:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Id-diskrezzjoni trid tirriżulta mil-liġi. Ma nistgħux aħna naqbdu u nivvintawha d-diskrezzjoni; id-diskrezzjoni trid tirriżulta mil-liġi u jkun hemm parametri għad-diskrezzjoni. Ma nistgħux niddeċiedu kollox aħna. Il-Kap. 570 imkien ma jgħid li ... (Interruzzjonijiet)"

Hawnhekk l-Onor Aquilina talab ruling:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Iva, jien qed nitlob ruling fuq jekk il-mozzjoni tal-Onor Zammit Lewis hijiet ammissibbli, u allura it-talba hix sostenibbli li ssir, in kwantu il-Kapitolu 570 ma jipprovdi mkien li l-Kumitat jista' jissopprassjedi is-smiegħ tal-każ.".

Kien hawnhekk imbagħad li l-Onor. Zammit Lewis qal hekk:

"**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Il-Kumitat, bħal kull kumitat ieħor, dan huwa Kumitat permanenti, l-unika differenza hija li huwa stabbilit reċentement, għandu u hemm *rulings* .... - mhux fil-każ tal-Kumitat tal-Istandards, f'kumitati oħrajn - li l-Kumitat jirregola l-proċedura.".

L-Onor. Zammit Lewis qal ukoll hekk:

"**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Inti l-ewwel għedtli *standing order*, issa qed tgħidli hemm *ruling*! Jekk ma taqbilx miegħek ... m'għandekx raġun!"

Kien hawnhekk illi l-Onor. Karol Aquilina reġa' qal:

"**ONOR. KAROL AQUILINA:** Ħa nispjegalek għalfejn. Mr Speaker jagħti ruxxmata *rulings* dwar il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li fih jingħad ċar u tond li peress li l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp huwa mwaqqaf b'liġi partikolari u mhux bl-i*standing orders* tapplika dik il-liġi b'mod partikolari u b'mod tassattiv. Dak kollu li hemm aktar fl-i*standing orders* jew fl-interpretazzjoni tal-i*standing orders* mill-House of Commons jew minn xi ħaddieħor ma jidħlux għax dik hija liġi partikolari. Dik hija r-raġuni li qed nagħti jien.".

Hawnhekk l-Onor. Zammit Lewis ikkonkluda li ma jaqbilx mal-argument tal-Onor. Aquilina u qal:

"**ONOR. EDWARD ZAMMIT LEWIS:** Hija liġi speċjali li stabbiliet il-Kummissarju però stabbiliet Kumitat Parlamentari Permanenti li jirregola l-proċedura tiegħu stess.".

Hawnhekk is-Sedja informat lill-Membri li kienet se tistudja dan il-punt u li se tagħti *ruling*. *Minnufih wara l-laqgħa ġiet fi tmiemha.*

Is-Sedja tagħmel referenza b'mod immedjat għal-Laqgħa 83, tat-18 ta' Jannar 2016, tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li kienet qiegħda tiġi preseduta dakinhar mill-Onor. Jason Azzopardi u li kienet qed tittratta r-rapport tal-Awditur Ġenerali '*An Analysis of the Effectiveness of the Enemalta Corporation's Fuel Procurement*'. Dakinhar l-istess Chairman wara li għamel referenza għall-fatt li kien hemm xhieda li għal xi raġuni jew oħra ma tawx, jew ma setgħux jagħtu ix-xhieda tagħhom u li kienu wkoll fetħu kawżi Kostituzzjonali, issuġġerixxa li l-Kumitat jaġġorna *sine die* sakemm dawn il-kawżi, jew proċeduri, Kostituzzjonali jiġu konklużi definittivament. Dakinhar il-Kumitat kien qabel b'mod unanimu mal-proposta tac-Chairperson.

Is-Sedja ħadet ukoll inkonsiderazzjoni l-fatt illi l-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika huwa marbut bid-dispożizzjonijiet u l-provvedimenti stabbiliti fil-Kap. 570, kif ben definiti fl-artikolu 27, li jgħid hekk:

"27. (1) Il-Kummissarju għandu jibgħat lill-Kumitat ir-rapporti tiegħu, magħmulin taħt l-artikolu 22.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(4), il-Kumitat għandu jissorvelja u jifli l-ħidma tal-Kummissarju, għall-finijiet li jiżgura li l-Kummissarju qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu u jaħdem b'mod effiċjenti, u għandu jeżamina kull rapport li jirċievi mill-Kummissarju.

(3) Il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar jekk jadottax il-konklużjonijiet u kull rakkomandazzjoni fl-imsemmija rapporti.

(4) Il-Kumitat, meta jqis li ma jkunx jista' jadotta xi rapport tal-Kummissarju, jista' jew jiddeċiedi li jiċħad ir-rapport imsemmi jew jiddeċiedi li l-allegazzjoni tkun teħtieġ li tiġi investigata iżjed, f'liema każ il-Kumitat jista', bl-għajnuna tal-Kummissarju, iwettaq dawk l-investigazzjonijiet addizzjonali u jisma' iżjed provi dwar il-kwistjoni tal-allegazzjoni. Għal dan il-għan il-Kumitat għandu jkollu s-setgħat mogħtija lill-Kummissarju taħt l-artikolu 19.

(5) Il-Kumitat jista' wkoll jitlob lill-Kummissarju sabiex jispjega kull aspett tar-rapport jew sabiex iwettaq iżjed investigazzjonijiet.

(6) Jekk il-Kumitat jiddeċiedi li jiċħad il-konklużjonijiet tal-Kummissarju, għandu jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu.".

Mill-qari ta' dan l-artikolu li jitkellem dwar is-setgħat tal-Kumitat, fis-subartikolu (2) tiegħu li jitkellem dwar l-obbligu li l-Membri tal-Kumitat jeżaminaw ir-rapporti li jgħaddilhom il-Kummissarju, is-Sedja tinnota li joħroġ ukoll l-obbligu li l-istess Membri jiflu l-ħidma tal-Kummissarju.

Is-Sedja tinnota wkoll li wara li l-Kumitat approva l-pubblikazzjoni tar-rapport, bdew proċeduri kostituzzjonali fil-konfront tal-Kummissarju mill-persuna indagata fl-istess rapport. Dan barra li ċ-Chairperson, f'ismu u in rappreżentanza tal-Kumitat ġew notifikati bi protest ġudizzjarju u wkoll ġew kjamati in kawża fl-istess proċeduri quddiem il-Qrati. Dan wassal biex meta l-Kummissarju Hyzler ġie msejjaħ biex jidher quddiem il-Kumitat qal hekk:

> "**DR GEORGE HYZLER: ...** jien naqbel ma' li qalet l-Onor. Comodini Cachia dwar li l-proċedura tal-Kumitat hi differenti mill-proċedura li għandi nsegwi jien fl-investigazzjoni, jiġifieri fejn jien għandi nissospendi l-investigazzjoni fejn ikun hemm proċeduri pendenti quddiem xi tribunal jew xi investigazzjoni għaddejja. M'iniex daqshekk komdu li ngħid li din ma tapplikax għall-Kumitat. Veru mhix imsemmija fil-liġi, però jkun hemm daqsxejn ta' kontrosens jekk il-Kumitat, meta jiġi kkonfrontat bi proċeduri bħal dawn – u meta ngħidu "bħal dawn" għadna ma nafux xi proċeduri hemm għax ma ninsewx li fir-rapport tiegħi jien anke għamilt aċċenn għal xi nuqqasijiet ta' natura penali, jiġifieri naħseb ikun għaqli li jara hemmx ukoll dawk *in ballo,* għax f'dak il-każ jista' jkun hemm konsiderazzjonijiet differenti …
>
> Jiġifieri jien bażikament assolutament m'għandix problema biex nirrispondi d-domandi. Però ma nħossnix komdu nirrispondi domandi fuq il-proċess għaliex filwaqt li l-Onor. Justyne Caruana għamlet il-kawża kostituzzjonali fuq il-validità tal-liġi - li dik jien ma nidħolx fiha, jien seftur tal-liġi u daqshekk – però attakkat ukoll il-mod kif jien ikkonduċejt l-indaġni, jiġifieri fejn hi allegat nuqqasijiet daparti tiegħi.".

Nagħlaq il-kwotazzjoni ta' din il-parti tal-istqarrija li għamel Dr Hyzler fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

M'hemm xejn xi jżomm lill-Kumitat illi ladarba biex huwa jasal għall-konklużjonijiet tiegħu, kif jingħad ċar fl-artikolu 27 dwar is-setgħat tal-Kumitat, sabiex jara jekk jadottax ir-rapport, jew jekk hemmx bżonn isiru aktar investigazzjonijiet, jew jekk jarax li hemm bżonn ikun hemm aktar ċertezza fuq ċerti provi u allegazzjonijiet, dawn kollha jridu joħorġu wara li jiġi kontroeżaminat Dr Hyzler, anke wara d-dikjarazzjoni illi l-Membri tal-Gvern, in partikolari l-Onor. Glenn Bedingfield li ddikjara li għandu domandi x'jagħmel lil Dr Hyzler minkejja d-dikjarazzjoni tal-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Therese Comodini Cachia li ddeċidew illi m'għandhomx domandi x'jagħmlu lil Dr Hyzler fir-rigward tar-rapport, is-Sedja tħoss u tifhem illi l-Kumitat, fiċ-ċirkostanzi, għandu jara u jiddeċiedi jekk għandux jissopprasjedi s-smigħ ta' dan l-istess Kumitat, kif anke indikat fis-setgħat tiegħu elenkati fl-artikolu 27, u dan bi prudenza anke biex wieħed ma jikkomplikax l-istess proċeduri jekk l-istess Qorti teżamina, kif hija mitluba li tagħmel, dwar jekk l-Onor. Justyne Caruana, kif talbet fl-istess rikors dwar li l-Qorti tiddeċiedi dwar jekk hemmx ksur tad-drittijiet fundamentali fil-konfront tagħha.

Is-Sedja tifhem ukoll illi ladarba r-rapport li għamel il-Kummissarju Hyzler, meta għamlu ma kien hemm l-ebda proċeduri fil-Qorti, u dan peress li kif inhuwa indikat fl-artikolu 13, li huwa dwar il-funzjonijiet tal-Kummissarju, ladarba ma jkun hemm l-ebda proċeduri fil-qrati, jista' jibqa' għaddej bl-investigazzjoni kif indikat fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 13, u nikkwota:

> "(3) Il-Kummissarju m'għandux jgħaddi biex jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċedimenti fil-Qorti jew quddiem xi tribunal imwaqqaf b'liġi, u għandu jissospendi l-investigazzjoni jekk xi persuna li jkollha interess tagħmel talba quddiem Qorti jew quddiem tali tribunal dwar il-kwistjoni li tkun

qed tiġi investigata, jew jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun fetħet inkjesta dwar dik il-kwistjoni, jew jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun istitwixxa investigazzjoni dwar l-istess kwistjoni.".

Fiċ-ċirkostanzi, ladarba l-investigazzjoni li wettaq il-Kummissarju u r-rapport issa qiegħed quddiem il-Kumitat, u issa li hemm proċeduri fil-Qorti, id-domanda tiġi waħedha: Jista' l-Kumitat ikompli jinvestiga l-istess kwestjoni jew le ladarba l-kwestjoni issa qiegħda quddiem proċeduri pendenti quddiem il-Qorti, f'dan il-każ il-Qorti Kostituzzjonali? Is-Sedja tifhem illi ladarba r-rapporti li jagħmel il-Kummissarju jiġu quddiem il-Kumitat, il-Kumitat huwa vestit li jara u jinvetiga r-rapporti li joħorġu mill-Kummissarju ladarba l-Kummissarju kellu dawk is-setgħat li jista' jinvestiga. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ħafna, verament dan ir-rapport joħroġ li l-Kummissarju kellu s-setgħat li jinvestiga imma l-prudenza titlob illi ladarba ġie konkluż dan ir-rapport, u ladarba hemm proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, la jkun għaqli, fiċ-ċirkostanzi, illi l-Kummissarju, kif spjega tajjeb hu stess ben tajjeb fl-istqarrija tiegħu, ikompli jwieġeb domandi dwar l-investigazzjoni u lanqas li l-istess Kumitat, li huwa vestit li jkompli jinvestiga, ladarba l-istess Kummissarju ma jistax jikkopera b'mod sħiħ u liberu mal-istess Kumitat.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi partikolari s-Sedja qiegħed tiddeċiedi illi l-mozzjoni kif preżentata mill-Onor. Edward Zammit Lewis u mill-Onor. Glenn Bedingfield hija mozzjoni li tista' tiġi preżentata, diskussa u finalment, jekk ikun il-każ, jiġi deċiż dwar il-prosegwiment *piu o meno* tal-Kumitat fil-laqgħa li jmiss tal-istess Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Ir-*ruling* huwa deċiż.